MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Appell Kriminali Numru. 11/2005

**Il-Pulizija**
**Vs**
Anthony sive Twanny Frendo

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, talli :**

**1) f'Hal Lija, fil-lejl ta' bejn t-tnax u t-tlettax ta' Jannar 1993, ikkommetta serq ta' madwar tmenin lira Maltin fi flus kontanti, sigaretti w oggetti ohra li huma stmati li jiswew aktar minn mitt lira Maltin izda inqas minn elf lira Maltin mill-fond 'Freddie's Self Service Store', li hu sitwat fi Triq il-Musika, Hal Lija ghad-dannu ta' Alfred Borg, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur;**

**2) f'H'Attard nhar s-sitta ta' Novembru 1992, ghall-habta tad-disgha ta' bil-lejl, ikkommetta serq ta' madwar tmin mitt lira Maltin fi flus kontanti kif wkoll madwar tlett mitt lira f'cekkijiet lokali, sigaretti w oggetti ohra li huma stmati li jiswew aktar minn elf lira Maltin mill-fond G&G Supermarket li hu sitwat fi Triq Victor Vassallo, H'Attard ghad-dannu ta' Anthony Buttigieg mill-Mosta, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur;**

**3) f'H'Attard fil-lejl ta' bejn l-hamsa w is-sitta ta' Jannar 1993, ikkommetta serq ta' madwar hamest elef lira Maltin fi flus kontanti u cekkijiet li huma ta' aktar minn elf lira Maltin mill-fond M4 Supermarket li hu sitwat fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, H'Attard ghad-dannu ta' Louis Sergeant minn Rahal Gdid, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur;**

**4) f'B'Kara fil-lejl ta' bejn l-wiehed w ghoxrin w t-tnejn w ghoxrin ta' Jannar 1993, ikkommetta serq ta' flus kontanti kif wkoll oggetti ohra li huma ta' aktar minn mitt lira Maltin izda inqas minn elf lira Maltin mill-fond 'Martingale Stationery' li hu sitwat fi Triq il-Knisja l-Qadima, B'Kara ghad-dannu ta' Charles Schembri, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur;**

**5) f'B'Kara fil-lejl ta' bejn t-tneun u ghoxirn w it-tlieta w ghoxrin ta' Jannar 1993, ikkommetta serq ta' flus kontanti kif wkoll kwantita ta' fwejjah differenti li huma huma stmati li jiswew aktar minn mitt lira Maltin izda inqas minn elf lira Maltin mill-fond 'St. Helen's Pharmacy', li hija sitwata fi Triq il-Herba, B'Kara ghad-dannu ta' Alfred Mangion mill-Madliena, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok u bil-hin;**

**6) f'H'Attard fil-lejl ta' bejn t-tlieta u l-erbgha ta' Frar 1993, ikkommetta serq ta' madwar tlett elef u mitejn lira Maltin fi flus kontanti w oggetti, liema somma hija ta' aktar minn elf lira Maltin mill-fond 'Zahra Enterprises' li hu sitwat fi Triq Santa Katerina,**

**H'Attard ghad-dannu ta' Paul Zahra mis-Siggiewi, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur;**

**7) f'Malta, fl-istess dati, postijiet, hinijiet u cirkostanzi f'H'Attard, f'Hal Lija, f'B'Kara u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom;**

**8) fl-istess postijiet, dati, hinijiet u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara fl-aperturi tal-postijiet imsemmija liema hsara hija ta' aktar minn hamsin lira Maltin izda inqas minn hames mitt lira Maltin;**

**9) jinsab recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi bid-dati disgha ta' Jannar 1992 moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali u dik tas-sitta w ghoxrin ta' Gunju 1992 minn awla F.**

**Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Jannar, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 18, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278, 279, 325, 334, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lil imputat hati tar-raba akkuza u lliberatu minnha, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tas-sebgha akkuza peress li din inghatat b'mod alternattiv ghall-akkuzi l-ohra u ddikjarat li sabitu hati tal-ewwel [1], t-tieni [2], t-tielet [3], l-hames [5], s-sitt [6], t-tmien [8] w id-disgha [9] akkuza w ikkundannatu ghal piena karcerarja komplessiva ta' tlett snin u nofs.**

Oltre dan ikkundannat lil imputat ai termini tal-artikolu 533 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jhallas l-ispejjes inkorsi fin-nomina tal-espert Joseph Bongailas, liema spejjes ghandhom jithallsu lir-Registratur tal-Qorti fi zmien gimgha minn meta jigi hekk interpellat sabiex jhallas mill-istess Registratur tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta' Jannar, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata u dana limitatament kwantu ghal dawk l-akkuzi fejn instabet htija w fin-nuqqas tirriforma s-sentenza appellata ghal wahda anqas harxa.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat il-verbal tal-Avukat Dottor Edward Gatt ghall-appellant tat-22 ta' Marzu, 2005 li bih iddikjara li l-appellant kien qed jirrinunzja ghat-talba tieghu ghar-revoka tas-sentenza fil-mertu u kien qed jillimitha biss ghat-talba ghar-riforma tas-sentenza fuq il-piena.**

**Rat in-nota ta' cessjoni tal-appellant f' dan is-sens tal-istess data.**

**Rat illi fl-aggravju tieghu rimanenti dwar il-piena , l-appellant issottometta illi l-Ewwel Qorti kienet harxa wisq mieghu meta imponiet piena ta' tlitt snin u nofs prigunerija . Illi persuna ohra li kienet akkuzata bl-istess akkuzi u li ukoll kellha fedina penali mhux tant sabieha , inghatat piena ta' sentenza ta' prigunerija sospiza w li dan in-nuqqas ta' omoigenjita' jinkwieta lis-socjeta' . Li dan il-kaz imur lura ghal tlittax il-sena ilu . Illi hu minnu li l-apellant dak iz-zmien ma kienx xi najxu (Sic!) u li l-fedina penali tieghu mhux wahda mis-sbieh , imma wiehed irid ikun prudenti qabel ma jwahhal habs fuq incident li jmur lura ghal snin ilu. Illi l-Qrati Taghna gja ppronunzjaw ruhom f' fora kostituzzjonali fejn ikun hemm dewmien esagerat . Illi veru li hawn mhux dewmien fil-procedura kien hawn izda kien dewmien biex saret gustizzja mall-appellant . Illi meta l-Qorti qalet li l-appellant ma kienx qabad it-triq it-tajba , hija kienet skorretta fil-konsiderazzjoni taghha ghax l-appellant minn tlittax il-sena 'l hawn izzewweg u ghandu zewgt ibniet u xtara d-dar tieghu ir-Rabat fejn jghix mall-familja tieghu w jahdem impieg regolari ma kuntrattur u jaghmel xoghol ta' tibjid u ta' kisi ghal rasu biex ikun jista' jhallas il-"loan" li ghandu mall-bank. Li hu ma jaqbilx li**

**bniedem wara li jkun irriforma ruhu , minnhabba l-passat tieghu w minhabba reati li wara kollox hu kien patta ghalihom , terga' tigi imposta fuqu piena karcerarja. Jekk jigri hekk apparti li jispicca biex jinqala' mit-triq it-tajba, tkun qed tinghata sentenza kontra familtu li jkollha tghaddi minn "hardships" enormi.**

**Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**"** **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.)**

**F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi . Di fatti il-piena massima ghas-serq kwalifikat bil-mezz u tnejn jew izjed mill-kwalifiki l-ohra skond l-artikolu 278 (3) hija ta' erba snin u din tista' tizdied b' zewg gradi sa massimu ta' sitt snin minnhabba r-reat kontinwat (art. 18 tal-Kap.9). Umbaghad minnhabba r-recidiva din tista' terga tizdied bi grad ghal wahda massima ta' disa' snin. Jekk umbaghad wiehed iqis ir-reat ta' danni volontarji li tieghu nstab ukoll hati l-appellant, dan igib piena massima ta' sena prigunerija skond l-artikolu 325 (1) (b) li bir-recidiva jista jitla' bi grad ghal massimu ta' tmintax il-xahar . Umbaghad minnhabba l-konkors tal-pieni , bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) il-massimu jigi li jkun wiehed ta' disa' snin u disa' xhur. Ghalhekk f' dan il-kaz wiehed zgur li ma jistax jghid li l-piena erogata kienet wahda esagerata jew harxa wisq ghax fil-fatt kienet ftit aktar minn terz tal-massimu possibli .**

**Illi dwar is-sottomissjoni li persuna ohra li kienet akkuzata bl-istess reati u li ukoll kellha kondotta infelici kienet giet kundannata ghall-piena ta'**

**priguneriја sospiza, apparti li ma saret ebda prova ta' dan jew xi referenza fil-kors tat-trattazzjoni tal-appell , jigi rilevat mill-ewwel li skond l-artikolu 28A (7) tal-Kodici Kriminali ma jistax jinghata ordni ta' sentenza sospiza fil-kaz ta' persuna li tkun recidiva fit-termini tal-artikolu 50 , kif gie kundannat l-appellant .**

**Illi umbaghad anki kieku dan kien minnu , kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Aronne Cassar" **[28.10.2004] , fir-rigward tal-aggravju bazat fuq il-paragun ma pieni li nghataw lill-ko-akkuzati jew ko-awturi ohra, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenzi taghha fil-kawzi** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Omissis u Brian Godfrey Bartolo" **[14.11.2002] u** "The Republic of Malta vs. Omissis and Perry Ingomar Toornstra" **[12.6.2003], fejn fiz-zewg kazijiet gew citati b'approvazzjoni brani mill-** BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **u minn** ARCHBOLD, "Criminal Pleading , Evidence and Practice" **, li jezaminaw x' jghidu l-Qrati Inglizi f' sitwazzjonijiet simili, biex wiehed jislet certi linji ta' gwida.**

**Hekk fil-**BLACKSTONE'S **2001, (para. D22.47 p.1650) jinghid :-**

**"A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by** *Stroud* **(1977) 65 Cr App R 150. In his judgement in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal – the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive . If it was not the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal' s view treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his**

**Lordship put it, 'The Appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this Court should produce two wrong sentences. That is a submission which this Court cannot accept.' Other similar decisions include** *Brown* **[1975] Crim LR 177,** *Hair* **[1978] Crim LR 698 and** *Weekes* **[1980] 74 Crim App R 161….. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example,** *Wood* **(1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.**
**Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (***Dickenson* **[1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus in** *NOOY* **(1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said :**
*There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences."*

ARCHBOLD **(2001 para. 5-174,p.571 jikkumenta hekk :- “Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: “would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had one wrong with the administration of justice ?” (per Lawton LJ in** *R. v Fawcett* **, 5 Cr. App. R. (S) 158 C.A.). The Court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see** *R. v. Large***, 3 Cr. App. R. (S) 80 , C.A.) There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion : see** *R. v. Stroud* **, 65 Cr. App. R. 150 C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as in** R. v. Wood … *Fawcett*, ante **and** *Broadbridge* , ante**. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentences between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in** *Fawcett* **is satisfied.”**

**Issa fil-kaz in ezami din il-Qorti, apparti li ma setghetx taghmel il-paragun u ghalhekk ma rrizultalhiex din id-disparita’ u tenut kont li ma setghetx tinghata sentenza ta’ prigunerija sospiza w tenut kont ukoll li s-sentenza mhix wahda esagerata jew li tavvicina il-massimu tal-piena possibbli , jew li hi insitament u manifestament ingusta ma tqisx li dan l-aggravju hu gustifikat.**

**L-appellant umbaghad isemmi li wiehed ma jridx jinsa li dan il-kaz si tratta dwar kwistjoni li tmur lura ghal**

**tlittax il-sena ilu w speci qed jargumenta li minhabba t-trapass taz-zmien ma kellhiex tigi erogata l-piena li nghatat.**

**Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il**-Pulizija vs. Nicola Farrugia et" **[10.2002]:-**

***" Il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-hati*** **(ara :** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Attard u Angelo Attard" **[24.7.2000] )….** ***"Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."***

**Illi minn ezami akkurat tal-atti processwali jirrizulta li fid-19 t' April, 1999, l-appellant kien gie mixli b' citazzjoni b' reat kontinwat ta' sensiela ta' serqiet , kwalifikati bil-mezz, valur, lok u hin , b'ricettazzjoni, danni volontarji w recidiva w dan dwar reati li gew kommessi bejn Novembru, 1992 u Frar, 1993. Il-kawza kienet giet appuntata ghall-14 ta' Mejju, 1999 izda dak in-nhar** l-appellant debitament notifikat ma deherx **. Meta deher fis-seduta sussegwenti tas-17 ta' Mejju, 1999, l-appellant kien iddikjara li kien dizokkupat dak iz-zmien u la semma xoghol "full time" ma kuntrattur u lanqas xoghol "part time" ghal rasu, li issa ssemmew fir-rikors tal-appell. Kien ukoll wiegeb li ma kienx hati. (fol.18).**

**Meta xehed l-ufficjal prosekutur, l-Ispettur David Saliba, f' dik is-seduta hu qal (fol. 244) li s-superjuri tieghu kienu ghaddewlu numru ta'** ***files*** **u dan wara li l-Avukat Generali kien ghamel talba sabiex isiru "*comparisons"* bejn l-impronti digitali tal-appellant u dawk mehuda mis-*scene of the crime officers*. Wara li gew prezentati r-rapporti relattivi, li kienu fil-pozittiv, il-Pulizija deherilha li kellha tiehu passi kontra l-appellant.**

**Hu kien ha lill-appellant fuq il-postijiet li minnhom kienu saru s-serqiet u l-appellant kien innega li huwa qatt kien dahal f' dawk il-postijiet li gew indikati lilu. Ghalhekk hu kien ipprezenta c-citazzjoni.**

**Fl-istess seduta tas-17 ta' Mejju, 1999, l-Ewwel Qorti, wara li semghet numru kbir ta' xhieda w rceviet dokumenti li jimlew zewg volumi legati tal-process, sabet li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-appellant jitqieghed taht att t' akkuza w ghalhekk batitu biex joqghod taht dak l-att quddiem il-Qorti kompetenti. (fol. 266).**

**Wara rinviju tal-Avukat Generali, saret seduta ohra tal-kompilazzjoni fit-22 ta' Lulju, 1999, fejn regghu nstemghu bosta xhieda ohra w ttiehdu passi kontra tlitt xhieda li ma dehrux. (Fol. 270).**

Illi wara rinviju iehor saret seduta fid-9 ta' Settembru, 1999, fejn gie nominat Joseph Bongailas bhala espert sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti digitali tal-imputat u dawk li gew elevati mill-esperti tas-*scene of the crime* u dan in konnessjoni ma kull allegat serq addebitat lill-appellant , salv dak li jirrigwarda s-serq bi sgass mill-M4 , peress li dwar das-serq Joseph Bongailas kien gja gie nominat espert mill-Magistrat tal-Inkjesta . Dak in-nhar ukoll gie nominat espert biex jiehu l-impronti digitali tal-appellant *seduta stante* . (fol. 294)

**Fir-rinviju li sar fit-28 t' Ottubru, 1999,** l-imputat debitament notifikat ma deherx u gie kundannat ghad-disprezz u immultat LM100. **(fol. 308)**

Fis-seduti ta' wara baqghu jixhdu l-persuni derubati, esperti u gew esebiti aktar processi verbali u relazzjonijiet u dokumenti . (fols. 317 , 411, 423, 432) . Fost dawn kien xehed Joseph Bongailas fis-27 ta' Lulju, 2000 li pprezenta w kkonferma r-relazzjoni tieghu , fejn ikkonkluda li l-impronti li kienu nstabu kienu jaqblu mal-palmi tal-imputat (fol. 433). Minkejja li dak in-nhar il-Prosekuzzjoni kienet iddikjarat li kien fadallha tipproduci biss xhud wiehed u cioe' lil PC 1030 Ivan Portelli, il-process baqa' jitwal ghal

numru ta’ snin. Kienu ntalbu diversi differimenti mill-ufficjal prosekutur l-Ispettur David Saliba (fols. 495, u 500) l-Ispettur Ivan Portelli ma deherx diversi drabi. Joseph Bongailas inghata inkariku gdid (fol. 571).

**Daqqa ma deherx l-imputat (fols. 581, 592, 621). Daqqa ma deherx l-Ispettur Saliba (Fol. 583,592,607,621) u darba ma deherx l-espert Bongailas (fol.602)**

**Eventwalment fl-14 t’ Awwissu, 2002, l-Avukat Generali baghat l-artikoli li skondu tahthom kellu jinstab hati l-appellant lill-Ewwel Qorti (Fol. 625), izda fl-ewwel appuntament , cioe’ dak tat-12 ta’ Settembru, 2002, l-**appellant ma deherx u gie kundannat ghad-disprezz u immultat LM50**. (fol. 626).** L-appellant rega’ ma deherx fl-udjenzi tal-11 t’ Ottubru, 2002 tas-27 ta’ Novembru , 2002 u tas-6 ta’ Mejju, 2003 **(fols. 634, 635, 638) kif del resto lanqas ma deher l-Ispettur Saliba fl-ewwel minn dawn iz-zewg seduti w dik sussegwenti tas-27 ta’ Jannar, 2003**

**Fis-seduta tat-13 ta’ Marzu, 2003, il-Qorti laqghet talba tal-prosekuzzjoni biex jigi nominat espert biex jaghmel ezami komparattiv ulterjuri bejn l-impronti digitali mehuda minn fuq l-imputat u dawk misjuba fil-fond Martingale Stationery. L-esperta hekk nominata Nathalie Zahra ma dehritx fis-seduta tal-21 ta’ Lulju, 2003.** Fit-13 t’ Ottubru, 2003 ma deherx l-imputat ghax kien indispost (fol.640). Rega’ ma deherx fl-1 ta’ Dicembru, 2003, fid-19 ta’ Jannar, 2004, fil-5 ta’ Mejju, 2004, fit-23 ta’ Lulju, 2004, u fid-29 ta’ Settembru, 2004. **(fol. 641, 642,645,647,651)**

**Fis-seduta tal-24 ta’ Novembru, 2004, l-imputat finalment iddikjara li mhux ser jixhed u l-kawza giet trattata w differita ghas-sentenza ghat-12 ta’ Jannar, 2005, meta fil-fatt giet deciza.**

**Din il-Qorti hasset il-htiega li tghaddi in rassenja l-*iter* kollu processwali quddiem l-Ewwel Qorti, biex turi bic-car li , jekk kien hemm xi dewmien , dan zgur li ma**

**kienx dovut ghal xi nuqqas ta' ommissjoni tal-Ewwel Qorti . Anzi jidher li dik il-Qorti , meta kien imiss lilha li tagixxi, mxiet bl-akbar heffa w sollerzja w ddecidiet kawza fejn il-provi kienu voluminuzi ferm f' differiment wiehed , appena d-difiza , wara sena ta' hela ta' zmien , iddikjarat li wara kollox ma kellhiex provi.**

Fil-waqt li mhux eskluz li kien hemm xi differimenti li saru biss jew ghax l-ufficjal prosekutur kien talab xi differiment jew ghax ma deherx u/jew  ghax xi xhud jew aktar tal-prosekuzzjoni ma deherx **, l-appellant naqas li jidher ghal mhux inqas minn tnax (12) il-darba** w dan zgur li ghin biex il-kawza titwal inutilment. Inoltre, trattandosi ta' investigazzjoni dwar sensiela ta' serqiet minn postijiet differenti li dwarhom kienu infethu nkjesti magisterjali differenti u fejn kien mehtieg li dawn jigu konkluzi minn magistrati differenti  w fejn ukoll kellhom isiru ezamijiet komparattivi godda tal-impronti digitali minn esperti godda li ma jkunux membri tal-korp tal-Pulizija kif insistiet l-istess difiza tal-imputat, din il-Qorti ma tarax li kien hemm xi dewmien inordinat biex il-kawza hadet iz-zmien li hadet , dewmien li ghalih l-imputat li kkontesta l-htija tieghu – haga li mhux qed jaghmel issa f' dan l-appell – ikkontribwixxa mhux bi ftit.

Terga' w tghid lanqas hu validu l-argument tad-difiza li ghax il-kawza damet ma bdiet, dan ghandu jwassal biex l-appellant ma jhallasx il-kontijiet tieghu mas-socjeta'. Dan kien kaz fejn diversi delitti riedu jintrabtu flimkien b'ezamijiet forensici li jiehdu z-zmien u dan wara li jinstab fil konduttur wiehed li jorbothom flimkien u juri li ghandhom paternita' wahda. Del resto ghalhekk reati bhal dawn ghandhom zmien itwal ta' preskrizzjoni w cioe' biex jekk id-delitt jew delitti jigu solvuti wara certu passagg ta' zmien, xorta wahda jkunu jistghu jimbdew proceduri kriminali dwarhom. Fil-kaz tar-reat tas-serq , fejn rari jkun hemm xhieda okulari w fejn ghalhekk il-provi indizjarji xjentifici jkunu jistghu, anki wara certu zmien, iwasslu ghall-prosekuzzjoni, dan il-fattur jassumi importanza akbar. Ikun kontrosens li l-ligi penali tistabilixxi periodu ta' preskrizzjoni, biex jekk u meta jittiehdu passi entro l-istess terminu, ma tkunx tista' tigi applikata s-sanzjoni preskritta

mill-istess ligi, kif donnu qed jargumenta l-appellant fl-ewwel aggravju tieghu dwar it-trapass taz-zmien. F' dan il-kaz ma hemmx dubju li l-proceduri kriminali kontra l-appellant bdew entro l-periodu preskrittiv stabilit fl-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali ghar-reati in dizamina, wkoll fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 692.

**Umbaghad it-tul taz-zmien fil-proceduri gja kien suggett ta' pronunzjamenti ripetuti tal-Qrati Taghna kemm ta' din il-Qorti kif fuq intqal fil-kaz** "Il-Pulizija vs. Nicola Farrugia et." **[2.10.2002] kif ukoll tal-Qorti Kostituzzjonali .** "John Bugeja vs. Avukat Generali et.**" [11.8.2003] . Gie di fatti ritenut li r-rimedju ghal tali dewmien mhux li l-kawza tieqaf , jew, jekk tinqata', ma tigix applikata sanzjoni, imma se mai f' kazijiet ta' dewmien inordinat , jista' jkun hemm jew semplici dikjarazzjoni li gie lez id-dritt fondamentali jew, al massimu, jkun hemm xi ordni ghal hlas ta' kumpens lil min ikun sofra minhabba tali dewmien. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti pero' ma jwassalx biex ma tinghatax il-piena stabilita mill-ligi ghall-ksur riskontrat mill-Qrati ta' gurisdizzjoni penali. Altrimenti kif gie ritenut minn din il-Qorti fil-kaz ta' Nicola Farrugia et . tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parte kagjonat jew provokat minnu stess – kif gara' f' dan il-kaz – u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ohra.**

**Illi l-appellant umbaghad jilmenta mill-konsiderazzjonijiet u motivazzjonijiet li ghamlet l-Ewwel Qorti biex erogat il-piena ta' tlitt snin u nofs habs. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet testwalment hekk :-**

"Dwar il-piena il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat diga' kiser dufrejh mal-ligi diversi drabi tant li l-fedina penali tieghu hija wahda refrattarja izda dan nonostante l-imputat ma tghallimx mill-opportunitajiet moghtija lilu u llum jinsab il-Qorti akkuzat b' dawn id-diversi serqiet."

**Illi bhall-Ewwel Qorti din il-Qorti ezaminat il-fedina penali aggornata tal-appellant u minnha jidher li hu kien gie misjub hati disa' darbiet mill-Qrati ghall-reati kommessi bejn is-sena 1983 u 1993. Dawn ivarjaw minn reati ta' sewqan bla licenzja w insurance, sewqan b'manjiera perikoluza w negligenti u ksur tal-buon ordni ghal diversi reati ta' serq u tentattiv ta' serq minn karozzi aggravat bil-vjolenza, post u hin, serq ta' vettura aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, diversi tentattivi ta' serq kwalifikat minn diversi postijiet , hebb , insulti, theddid u feriti hfief fuq membri tal-Korp tal-Pulizija waqt il-qadi tad-doveri taghhom, kif ukoll ta' diversi kazijiet ta' recidiva. Per konsegwenza l-appellant apparti multi w sospensjoni tal-licenzji tieghu tas-sewqan kien gie liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor u darb' ohra mpoggi taht probation. Pero' kien ukoll sentenzjat ghall-piena ta' prigunerija erba darbiet , darba ghal sena, darba ghal tlettax il-xahar , darba ghal sentejn u nofs u darba ghal ghaxar xhur, u dan ghal reati kommessi qabel dawn mertu ta' din il-kawza. Fid-dawl ta' dan l-Ewwel Qorti kienet altru milli gustifikata fil-motivazzjoni fuq riprodotta.**

**Illi pero' kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant , l-iter tal-hajja refrattarja tal-appellant ma waqafx hawn . Izda mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta li fit-30 ta' Novembru, 1998 kien rega nstab hati talli fis-6/7 ta' Lulju, 1997 kien ikkommetta tentattiv ta' ferita gravi fuq persuna w kellu fuqu stallett, arma regolari u li zamm l-istess arma minghajr licenzja tal-Pulizija w ta' recidiva. Hawn stranament kien gie kundannat ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghall-erba snin , meta dan suppost li ma setax isir minhabba r-recidiva. Fit-28 ta' Jannar, 2000 instab hati talli fil-25 t' April, 1999 kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina w ta' recidiva w gie kundannat ghall-multa. Fil-25 ta' Jannar, 2002, rega instab hati li fis-7 ta' Lulju, 1999 rega kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina w gie mpoggi taht probation ghal tnax il-xahar. Fl-4 ta' Mejju, 2004 rega nstab hati**

**ta’ pussesss tad-droga eroina fil-25 ta’ Mejju, 1999 w gie liberat skond l-artikolu 22 tal-Kap.446 bil-kondizzjoni li ma jergax jaghmel reat iehor fi zmien tmintax il-xahar. Uhud minn dawn ir-reati gew addirittura kommessi fil-mori ta’ din il-kawza. Dan mhux kaz fejn it-trapass taz-zmien jista’ jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini tal-piena meta huwa juri li tul iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma , kif din il-Qorti u anki l-Qorti Kostituzzjonali esprimew ruhom fis-sentenzi ta’** Nicola Farrugia et **u** John Bugeja **fuq citati. Ghalhekk hija ferm stirakkjata s-sottomissjoni tal-appellant li hu kien irriforma ruhu wara li kien ikkommetta s-sensiela ta’ serqiet  mertu ta’ din il-kawza w ghalhekk din is-sottoimissjoni hija infondata bhala fatt u ghandha tigi respinta.**

**L-appellant pero’ jsostni li l-Ewwel Qorti ma kienetx korretta meta fil-paragrafu sussegwenti ghal dak appena citat qalet :-**

“ghalkemm ghadda zmien konsiderevoli minn meta gew kommessi r-reati , il-Qorti xorta thoss li m’ghandhiex tkun klementi mall-imputat ghaliex dan lanqas biss ghamel xi tentattiv biex jikkumpensa lil vittmi u inoltre ma rrizultax mill-atti li l-imputat illum biddel hajtu ..”

**Anki hawn m’ hawn xejn x’wiehed jiccensura fil-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti ghax ma jirrizulta minn imkien li l-appellant ipprova jikkumpensa lid-derubati s’issa u hu minnu li** mill-atti **– ghad-distinzjoni ta’ dak li qal l-avukat tieghu fit-trattazzjoni – ma jirrizultax li hu bidel hajtu. Anzi mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta il-kuntrarju. Quddiem l-Ewwel Qorti l-imputat ma ressaq ebda prova ta’ dan . Anki jekk ma riedx jixhed hu kif kellu kull dritt li jaghmel, jekk irid li l-Qorti tikkonsidra xi fattur determinanti *“in mitigation of punishment”* , irid ghall-inqas jippruvah u mhux li dan jigi allegat mid-difensur tieghu. Jekk umbaghad dan l-appellant ma hassx il-bzonn li jaghmlu quddiem l-Ewwel Qorti, zgur li mhux il-kaz li jithalla jiftah mill-gdid l-istadju tal-provi f’ dar-rigward quddiem din il-**

**Qorti fi stadju t' appell ghax , jekk tali provi kienu jezistu qabel inghatat is-sentenza appellata fit-12 ta' Jannar, 2005 , hu zgur li kien jaf bihom u jmissu ressaqhom f' dak l-istadju w ma jistax iressaqhom issa fi stadju t' appell skond l-artikolu 424 tal-Kodici Kriminali.**

**Illi fl-ahhar parti tar-rikors tal-appell saret riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza** "Il-Pulizija vs. Ryan Dimech" **minghajr ma nghatat id-data jew riferenza preciza . L-appellant semma dik is-sentenza biex jghid li ma jaqbilx maghha . Din il-Qorti ma tifhimx ezatt ghall-liema skop saret ir-riferenza ghaliex dak li gie deciz f' dik il-kawza, jekk hija dik deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Novembru, 2004, kien proprju li din il-Qorti tqis li l-ahhar piena li ghandha tinghata lil persuna li tkun abitwata fid-delitt tas-serq - kif indubbjament kien l-appellat Dimech – hija piena pekunjarja. Dan ghaliex tali piena minnflok trazzan il-vizzju tas-serq, tista' tkun kontroproducenti billi addirittura tista' tistiga lill-hati li jirrikorri ghal serq iehor biex isib il-mezzi kif ihallas tali piena pekunjarja. Jekk b' din ir-riferenza tieghu l-appellant "*arguendo a contrario sensu*" qed jghid li ghandha tigi applikata piena pekunjarja fil-kaz tieghu, din il-Qorti ghal-istess ragunijiet li jidhru fis-sentenza citata tghid li ma taqbilx li dan hu l-kaz ghax biex isir dan irid ikun hemm ir-ragunijiet specjali w straordinarji li skond l-artikolu 21 jaghmluha possibbli li l-Qorti tinzel taht il-minimu preskritt mil-ligi. F' dan il-kaz dawn ma jezistux.**

**Finalment kwantu ghall-konsiderazzjoni li jekk hu issa jintbaghat il-habs ser isofru il-familja tieghu w uliedu minuri , din il-Qorti, filwaqt li tissimpatizza ma familjari nnocenti ta' delinkwenti , ma tistax ma tapplikax is-sanzjonijiet preskritti semplicement ghax delinkwent ikun ifforma familja w kellu t-tfal fil-frattemp ghax kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Tracey Borg" **[15.5.2003]**

“Dwar l-ewwel aggravju dwar il-piena mressaq mill-appellanti, din il-Qorti ma tarax li l-fatt li l-appellanti , fil-mori ta’ din il-kawza , ghazlet li jkollha t-tfal ghandu jinfluwixxi fuq il-piena. Kieku kellu jsir hekk , persuna taht process kriminali jew addirittura sentenzjata minn Qorti tal-ewwel grad, tista’ facilment tirrikorri ghall-espedjent li jkolllha t-tfal bil-ghan li tinkorri piena inqas harxa. Kullhadd irid jerfa’ r-responsabbilta’ ghall-azzjonijiet tieghu w d-decizjoni ta’ persuna li jkollha jew ma jkollhiex tfal hija decizjoni personali li wiehed irid jizen b’responsabilta’ w impenn konsidrati c-cirkostanzi personali tal-persuna koncernata. Jekk xi hadd jiddeciedi li jkollu t-tfal meta jkun il-habs, hu jrid jerfa’ l-konsegwenzi tal-agir tieghu w ma jistax jistenna’ li xi Qorti toqghod tqis il-konsegwenzi ghall-prole li ma jkunx qies hu stess.”

**Jekk umbaghad l-appellant illum verament qed jahdem u jghix hajja ordinata, ghax dan ma giex pruvat , mhu qed jaghmel xejn specjali w straordinarju w differenti mill-maggoranza skjaccanti tal-poplu w b’daqshekk zgur li ma jistax jippretendi li ma jiskontax id-dejn li hu ghandu mas-socjeta’ ghar-reati minnu kommessi.**

**Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata konfermata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------